KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fid-29 ta’ Settembru 2022[1]

**Kawża C-78/21**

**AS “PrivatBank”,**
**A,**
**B,**
**Unimain Holdings Limited**
**vs**
**Finanšu un kapitāla tirgus komisija**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 56 u Artikolu 63 TFUE – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Moviment liberu tal-kapital u libertà tal-pagamenti – Servizzi finanzjarji – Restrizzjonijiet – Projbizzjoni għal istituzzjoni ta’ kreditu milli tistabbilixxi jew iżżomm relazzjonijiet kummerċjali ma’ persuni mingħajr rabta mal-Latvja – Ġustifikazzjoni – Prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu – Artikolu 65(1)(b) TFUE – Direttiva (UE) 2015/849 – Proporzjonalità”

## I. Introduzzjoni

1. Is-sistema għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu fl-Unjoni Ewropea tistabbilixxi ċerti rekwiżiti fir-rigward tas-sistemi ta’ ġestjoni tar-riskji tal-banek. Fosthom hemm, b’mod partikolari, l-obbligu li tiġi vverifikata l-identità tal-klijenti qabel l-istabbiliment ta’ relazzjoni kummerċjali jew l-eżekuzzjoni ta’ tranżazzjoni u li tinkiseb informazzjoni dwar l-iskop tar-relazzjoni kummerċjali. Jekk dan ma jkunx possibbli, it-tranżazzjonijiet u r-relazzjonijiet kummerċjali kkonċernati ma għandhomx jitwettqu jew jiġu stabbiliti. L-intensità tal-obbligi ta’ diliġenza f’dan ir-rigward tiddependi fuq il-profil tar-riskju tal-klijent, li skont il-premessa 22 tad-Direttiva (UE) 2015/849[2] għandu jiġi ddeterminat skont approċċ olistiku u bbażat fuq ir-riskju.

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva (UE) 2019/2177 (ĠU 2019, L 334, p. 155). Ara fir-rigward tal-verżjoni ta’ din id-direttiva applikabbli għall-kawża inkwistjoni l-punt 9 ta’ dawn il-konklużjonijiet.

2. Fil-kawża inkwistjoni, l-awtorità superviżorja Latvjana inkarigata mill-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-Finanšu un kapitāla tirgus komisija (il-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital tal-Latvja, (iktar 'il quddiem il-"FKTK")) ikkonstatat, matul ċertu perijodu, nuqqasijiet fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fil-Latvja. Din manifestament ma kinitx f'pożizzjoni li tissodisfa l-obbligi ta' diliġenza neċessarji tal-klijenti tagħha. Għalhekk, il-FKTK imponiet fuq din l-istituzzjoni ta' kreditu l-obbligu li ma tistabbilixxix relazzjonijiet kummerċjali jew twaqqafhom immedjatament jekk jiġi stabbilit li l-persuna li stabbilixxiet relazzjoni kummerċjali wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-FKTK ma għandhiex rabta mar-Repubblika tal-Latvja u li d-dħul mill-bejgħ mensili tagħha jaqbeż ċertu livell. Dan iqajjem il-kwistjoni dwar jekk, u jekk fl-affermattiv, f'liema ċirkustanzi u kundizzjonijiet, tali miżura hija kompatibbli mal-libertajiet fundamentali.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. It-Trattat FUE*

3. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 TFUE, ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fi ħdan l-Unjoni huma pprojbiti għaċ-ċittadini tal-Istati Membri stabbiliti fi Stat Membru ieħor li ma huwiex dak tad-destinatarju tas-servizzi, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat segwenti.

4. Skont l-Artikolu 63(1) TFUE, kull restrizzjoni għall-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi hija pprojbita.

5. L-Artikolu 65(1)(b) TFUE jipprevedi li l-Artikolu 63 TFUE ma jippreġudikax id-dritt tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jevitaw il-ksur tal-liġi u tar-regolamenti nazzjonali, partikolarment fil-qasam fiskali u fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji, jew li jimponu proċeduri għal finijiet ta' informazzjoni amministrattiva jew ta' statistika għad-dikjarazzjoni ta' movimenti ta' kapital, jew li jieħdu miżuri li jkunu ġustifikabbli minħabba l-interess pubbliku jew is-sigurtà pubblika.

#### *2. Id-Direttiva 2015/849*

6. Ir-raba' direttiva tal-Unjoni dwar il-ħasil tal-flus, id-Direttiva 2015/849, irriformulat it-tielet direttiva tal-Unjoni dwar il-ħasil tal-flus, id-Direttiva 2005/60/KE[3]. Il-ħames direttiva dwar il-ħasil tal-flus, id-Direttiva (UE) 2018/843[4], għadha ma hijiex applikabbli *ratione temporis* għal din il-kawża.

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU 2005, L 309, p. 15, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 102).

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE (ĠU 2018, L 156, p. 43). Lanqas l-emendi li saru wkoll bid-Direttiva (UE) 2019/2177 (ĠU 2019, L 334, p. 155) ma japplikaw *ratione temporis* fil-kawża inkwistjoni.

7. Il-premessa 22 tad-Direttiva 2015/849 hija fformulata kif ġej:

"Ir-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu mhuwiex l-istess f'kull każ. Għaldaqstant, għandu jintuża approċċ olistiku bbażat fuq ir-riskju. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju mhuwiex għażla permissiva bla bżonn għall-Istati Membri u l-entitajiet marbutin b'obbligu. Dan jinvolvi l-użu tat-teħid tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' provi biex jiġu mmirati b'mod aktar effettiv ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jiffaċċjaw l-Unjoni u dawk li joperaw fiha."

8. L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2015/849 jiddefinixxi l-għan tagħha kif ġej:

"(1) Din id-Direttiva timmira għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

(2) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jkunu projbiti."

9. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2015/849 jipprevedi:

"L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet aktar stretti fil-qasam kopert minn din id-Direttiva sabiex jipprevjenu l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, fil-limiti tal-liġi tal-Unjoni."

10. L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2015/849 jirrigwarda l-evalwazzjoni tar-riskju mill-Istati Membri:

"(1) Kull Stat Membru għandu jieħu passi xierqa biex jidentifika, jivvaluta, jifhem u jimmitiga r-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwawh, kif ukoll kwalunkwe tħassib marbut mal-protezzjoni tad-data f'dak ir-rigward. Għandu jżomm il-valutazzjoni tar-riskju aġġornat."

11. L-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2015/849 għandu bħala għan il-valutazzjoni tar-riskji mill-istituzzjonijiet finanzjarji:

"(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet marbutin b'obbligu jieħdu l-passi xierqa biex jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tagħhom filwaqt li jieħdu kont ta' fatturi ta' riskju, inklużi dawk relattivi għall-klijenti, pajjiżi jew żoni ġeografiċi, prodotti, ervizzi [servizzi], transazzjonijiet jew kanali ta' distribuzzjoni tagħhom. Dawk il-passi għandhom ikunu proporzjonati għan-natura u d-daqs tal-entitajiet marbutin b'obbligu."

12. Il-Kapitolu II tad-Direttiva 2015/849 jirrigwarda l-obbligi ta' diliġenza tal-klijenti. Fit-Taqsima 1, intitolata "Dispożizzjonijiet ġenerali", l-Artikoli 13 u 14 jistabbilixxu l-obbligi ta' diliġenza standardizzati tal-klijenti. Skont l-Artikolu 13(1), dawn jikkonsistu fl-identifikazzjoni tal-klijent (ittra a) u tas-sid benefiċjarju (ittra b), fil-valutazzjoni u, kif xieraq, il-kisba ta' informazzjoni fuq l-għan u l-għan maħsub tar-relazzjoni kummerċjali (ittra c) u t-twettiq ta' monitoraġġ kontinwu tar-relazzjoni kummerċjali (ittra d).

13. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2015/849 jirregola l-konsegwenzi tal-impossibbiltà li wieħed jikkonforma ruħu mal-obbligi ta' diliġenza stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva:

"(4) L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, fejn entità marbuta b'obbligu ma tkunx tista' tikkonforma mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-klijenti stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1), hi ma għandhiex twettaq transazzjoni permezz ta' kont tal-bank, tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju jew twettaq it-transazzjoni, u li għandha twaqqaf ir-relazzjoni ta' negozju u tqis jekk għandhiex tfassal rapport dwar transazzjoni suspettuża lill-UIF fir-rigward tal-klijent f'konformità mal-Artikolu 33."

14. It-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu II tad-Direttiva 2015/849 jirregolaw l-obbligi ta' diliġenza ssemplifikati jew imsaħħa tal-klijenti rispettivament.

15. F'dak li jirrigwarda l-obbligi ta' diliġenza ssemplifikati, mill-Artikolu 15(1) u (2) tad-Direttiva 2015/849 jirriżulta li, meta Stat Membru jew entità marbuta b'obbligu jikkonstataw li jeżisti riskju inqas f'ċerti oqsma jew meta entità marbuta b'obbligu tkun ikkonfermat li r-relazzjoni kummerċjali jew it-tranżazzjoni fir-realtà jippreżentaw livell iktar baxx ta' riskju, l-entità marbuta b'obbligu tista' tkun awtorizzata tapplika obbligi ta' diliġenza ssemplifikati tal-klijenti. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju rispettiva, l-Artikolu 16 tad-direttiva jirreferi għal dawk il-fatturi ta' sitwazzjonijiet b'potenzjal ta' riskju iktar baxx, stipulati fl-Anness II.

16. Fir-rigward tal-obbligi ta' diliġenza msaħħa, mill-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2015/849 jirriżulta li, fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 19 sa 24 u fil-każ ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fi Stati terzi identifikati mill-Kummissjoni bħala pajjiżi terzi ta' riskju għoli, kif ukoll f'każijiet oħra li jinvolvu riskji ogħla, identifikati mill-Istati Membri jew mill-entità marbuta b'obbligu, dawn tal-aħħar huma obbligati japplikaw obbligi ta' diliġenza msaħħa sabiex jiġġestixxu u jimmitigaw dawn ir-riskji kif xieraq. Fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskji, l-Artikolu 18(3) jirreferi għall-fatturi indikati fl-Anness III għal riskju potenzjalment ogħla.

17. It-Taqsima 4 tal-Kapitolu VI tad-Direttiva 2015/849, intitolat "Politiki, proċeduri u superviżjoni", tirregola s-sanzjonijiet. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 58(1), is-sanzjonijiet jew miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Artikolu 59(2) tad-Direttiva jelenka s-sanzjonijiet u miżuri amministrattivi minimi li l-Istati Membri jistgħu jimponu, skont il-punt (c) ta' din id-dispożizzjoni, b'mod partikolari li entità marbuta b'obbligu tiġi suġġetta għal awtorizzazzjoni, irtirar jew sospensjoni tal-awtorizzazzjoni.

18. L-Artikolu 59(4) tad-Direttiva 2015/849 jawtorizza wkoll is-sanzjonijiet amministrattivi li ma humiex previsti fid-direttiva:

"L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti li jimponu tipi addizzjonali ta' sanzjonijiet amministrattivi barra dawk imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2 jew li jimponu sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi li jaqbżu l-ammonti msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3."

19. L-annessi II u III tad-Direttiva 2015/849 jelenkaw b'mod mhux eżawrjenti l-fatturi u l-indizji possibbli ta' riskju potenzjalment iktar baxx jew iktar għoli. Skont il-punti (1)(c) u (3)(a) tal-Anness II, l-Istati Membri jinsabu f'żona ġeografika li tippreżenta riskju iktar baxx.

Il-punt (3)(b) tal-Anness III jsemmi, fost il-fatturi ta' riskju ġeografiku potenzjalment ogħla, "pajjiżi identifikati minn sorsi kredibbli bħala pajjiżi b'livelli sinifikanti ta' korruzzjoni jew attività kriminali oħra."

### *B. Id-dritt Latvjan*

20. L-Artikolu 6(1) u l-punt 2 tal-Artikolu 6(1[2]) tan- Noziedzīgi iegūtu līdzekļu legalizācijas un terorisma un proliferācijas finansēšanas novēršanas likums (il-Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Ħasil tal-Flus kif ukoll il-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni, iktar 'il quddiem il-"Liġi Kontra l-Ħasil tal-Flus" tas-17 ta' Lulju 2008 (Latvijas Vēstnesis, 2008, Nru 116), jistabbilixxu li l-istituzzjoni ta' kreditu twettaq valutazzjoni u dokumentazzjoni tar-riskji tal-ħasil tal-flus kif ukoll tal-finanzjament tat-terroriżmu u tal-proliferazzjoni u li hija tintroduċi, abbażi ta' din il-valutazzjoni, sistema ta' kontroll intern intiża sabiex tipprevjeni l-ħasil tal-flus kif ukoll il-finanzjament tat-terroriżmu u l-proliferazzjoni. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, ir-riskji nazzjonali u ġeografiċi, jiġifieri r-riskju li l-klijent jew is-sid benefiċjarju tal-klijent ikun marbut ma' pajjiż jew ma' żona li ċ-ċirkustanzi ekonomiċi, soċjali, ġuridiċi jew politiċi tagħhom jindikaw riskju għoli ta' ħasil tal-flus, ta' finanzjament tat-terroriżmu u ta' proliferazzjoni.

21. Barra minn hekk, l-Artikolu 5, il-punt 13 tal-Artikolu 6 u l-punt 3 tal-Artikolu 7(1) tal-Finanšu un kapitāla tirgus komisijas likums (il-Liġi dwar il-Kummissjoni tas-Suq Finanzjarju u tal-Kapital tal-1 ta' Ġunju 2000, Latvijas Vēstnesis, 2000, Nru 230/232), il-punt 1 tal-Artikolu 45(1) tal-Liġi Kontra l-Ħasil tal-Flus kif ukoll l-Artikolu 99[1] u l-punt 4 tal-Artikolu 113(1) tal-Kredītiestāžu likums (il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu tal-5 ta' Ottubru 1995, Latvijas Vēstnesis, 1995, Nru 163) jipprevedu li l-FKTK tissorvelja u tikkontrolla l-konformità mal-Liġi Kontra l-Ħasil tal-Flus minn atturi tas-suq finanzjarju u tal-kapital u għandha s-setgħa li timponi restrizzjonijiet fuq id-drittijiet u l-attivitajiet kummerċjali ta' istituzzjoni ta' kreditu, inkluża s-sospensjoni sħiħa jew parzjali tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll restrizzjonijiet fuq l-issodisfar ta' obbligi.

## III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

22. AS "PrivatBank" (iktar 'il quddiem "PrivatBank") huwa istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fil-Latvja. Iċ-ċittadini ta' nazzjonalità Ċiprijotta A u B, kif ukoll il-kumpannija Ċiprijotta Unimain Holdings Limited, huma azzjonisti ta' PrivatBank.

23. Mis-17 sat-30 ta' Ottubru 2017 il-FKTK wettqet investigazzjoni dwar l-attività kummerċjali ta' PrivatBank dwar l-osservanza tal-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu fl-eżerċizzju tal-obbligi ta' diliġenza tiegħu tal-klijenti marbuta mal-azzjonisti tiegħu u tas-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet tagħhom.

24. Matul din l-investigazzjoni, il-FKTK ikkonstatat li PrivatBank kien kiser, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu stabbiliti mil-Liġi Latvjana dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu kif ukoll il-Liġi Kontra l-Ħasil tal-Flus. Skont il-FKTK, is-sistema ta' kontroll intern tal-bank dwar l-obbligi ta' diliġenza tal-klijenti u s-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet kienet, diġà għal żmien twil, mhux effikaċi biżżejjed sabiex tiżgura, fi ħdan il-bank, l-osservanza ta' kull leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu kif ukoll amministrazzjoni effikaċi tar-riskji korrispondenti. B'mod partikolari, PrivatBank applika, għal parti mill-klijenti li s-sidien tagħhom

huma l-azzjonisti tagħhom, kundizzjonijiet iktar favorevoli kemm fis-sorveljanza tat-tranżazzjonijiet imwettqa minn klijenti eżistenti kif ukoll fl-inklużjoni ta' klijenti ġodda f'dan il-grupp.

25. Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2019, il-FKTK imponiet multa fuq PrivatBank u imponitlu serje ta' obbligi (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kontenzjuża"). B'mod partikolari, sakemm jiġu implimentati l-miżuri previsti mid-deċiżjoni kontenzjuża u sal-approvazzjoni tal-FKTK, il-bank ġie obbligat li ma jistabbilixxix relazzjonijiet kummerċjali jew li jtemmhom immedjatament, jekk jiġi kkonstatat li l-persuna li stabbilixxiet relazzjoni kummerċjali wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża tissodisfa wieħed mill-kriterji li ġejjin:

– il-persuna fiżika ma għandha l-ebda rabta mar-Repubblika tal-Latvja u l-ammont mensili tad-dħul mill-bejgħ tagħha huwa iktar minn EUR 15 000 jew l-attività ekonomika tal-persuna ġuridika ma għandha ebda rabta mar-Repubblika tal-Latvja u l-ammont mensili tad-dħul mill-bejgħ tagħha huwa iktar minn EUR 50 000 (punt 4.4.1.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża);

– is-sidien tal-kumpannija huma azzjonisti tal-bank jew persuni assoċjati magħhom (punt 4.4.1.3 tad-deċiżjoni kontenzjuża).

26. Barra minn hekk, PrivatBank kellu jiżgura li l-ammont mensili tad-dħul mill-bejgħ kemm tal-klijenti li s-sidien tagħhom huma azzjonisti tal-bank jew persuni assoċjati magħhom kif ukoll klijenti li jagħmlu parti mill-grupp ta' klijenti assoċjati ma' dawn il-klijenti ma jaqbiżx l-ammont medju mensili tad-dħul mill-bejgħ ta' kull klijent għas-sena 2019, skont id-data pprovduta mill-bank (punt 4.4.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża).

27. PrivatBank ippreżenta rikors quddiem l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-ksur ikkonstatat u l-multa imposta. A, B kif ukoll il-kumpannija Unimain Holdings Limited ippreżentaw quddiem l-istess qorti rikors intiż għall-annullament tal-obbligi imposti fil-punti 4.4.1.2, 4.4.1.3 u 4.4.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża. Skont l-azzjonisti ta' PrivatBank, id-deċiżjoni kontenzjuża tikser l-Artikoli 18 u 63 TFUE. Skont huma, ir-restrizzjonijiet imposti mid-deċiżjoni kontenzjuża la huma bbażati fuq l-eżerċizzju ta' attività illegali u lanqas fuq ir-regoli ta' projbizzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus fis-seħħ fl-Unjoni, inkluż fil-Latvja. Ir-restrizzjonijiet ġew imposti fuq kull persuna fiżika jew ġuridika, anki jekk dawn aġixxew legalment, u jipproduċu effetti fir-rigward tagħhom. Minħabba l-obbligu li jikkollaboraw esklużivament ma' ċittadini u ma' impriżi tar-Repubblika tal-Latvja, il-bank għandu awtomatikament jikkwalifika lill-persuni l-oħra kollha, jiġifieri inklużi ċ-ċittadini u l-impriżi tal-Unjoni Ewropea, bħala persuni perikolużi b'riskju potenzjalment għoli. Huwa ma huwiex awtorizzat, bħala bank, jadotta deċiżjoni differenti u jikkollabora ma' tali persuni.

28. Għall-kuntrarju, il-FKTK issostni li d-deċiżjoni kontenzjuża ma tistax tiġi kkunsidrata bħala restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, peress li, minn naħa, hija tapplika biss għal istituzzjoni ta' kreditu partikolari u, min-naħa l-oħra, tikkonċerna biss grupp ristrett ta' klijenti ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu. Id-deċiżjoni kontenzjuża ma ċċaħħadx lil dawn il-klijenti mid-dritt li jiddepożitaw fondi fi ħdan kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oħra awtorizzata fil-Latvja. L-għan tal-obbligi kontenzjużi huwa li jiġi evitat il-ksur tal-leġiżlazzjoni mwettaq mill-bank u li jiġi evitat ksur futur eventwali li jista' jkollu konsegwenzi serji mhux biss fir-rigward tar-riskju ta' involviment tal-bank fil-ħasil tal-flus jew f'tentattiv ta' ħasil tal-flus, ta'

evażjoni jew ta' nuqqas ta' osservanza ta' sanzjonijiet internazzjonali, iżda wkoll fuq ir-reputazzjoni tas-settur finanzjarju kollu kemm hu. Konsegwentement, din id-deċiżjoni tikkostitwixxi restrizzjoni ammissibbli u proporzjonata fis-sens tal-Artikolu 65(1)(b) TFUE.

29. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u, permezz ta' digriet tal-11 ta' Jannar 2021, tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Is-self u krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet ta' kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji (inklużi l-banek) elenkati fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat [KE][5] għandhom jitqiesu wkoll bħala movimenti ta kapital fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE?

2. Restrizzjoni (li ma tirriżultax direttament mil-leġiżazzzjoni nazzjonali) imposta mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari li ma tħallihiex tidħol f'relazzjonijiet ta' negozju u tobbligaha ttemm ir-relazzjonijiet ta' negozju eżistenti ma' persuni li ma humiex ċittadini tar-Repubblika tal-Latvja tikkostitwixxu miżura ta' Stat Membru fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE li, b'dan il-mod, tippreġudika l-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri li din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipproteġi?

3. Ir-restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital fit-tifsira tal-Artikolu 63(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tista' tkun iġġustifikata sabiex jintlaħaq l-għan li jiġi evitat l-użu tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni Ewropea għall-finijiet tal-ħasil ta' flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva [2015/849]?

4. Il-mezz magħżul mill-Istat Membru – l-obbligu impost fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari sabiex ma tidħolx f'relazzjonijiet ta' negozju ma' persuni li ma humiex ċittadini ta' Stat Membru partikolari (ir-Repubblika tal-Latvja) u sabiex ittemm dawn ir-relazzjonijiet – huwa adattat għall-kisba tal-għan stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva [2015/849] u għalhekk jikkostitwixxi eċċezzjoni skont l-Artikolu 65(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?"

30. Wara talba għal preċiżazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju pprovdiet, fl-10 ta' Marzu 2022, preċiżazzjonijiet addizzjonali dwar il-fatti, filwaqt li ċċarat li l-miżura msemmija fil-punt 4.4.1.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża ma hijiex marbuta man-nazzjonalità Latvjana, iżda mar-rabta mal-Latvja.

31. Fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, PrivatBank kif ukoll il-Gvern Latvjan u dak Taljan u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub dwar id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju. Waqt is-seduta tas-27 ta' April 2022, A *et*, il-Gvern Latvjan, il-FKTK u l-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

5 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10.

## IV. L-analiżi ġuridika

32. Is-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari huwa l-legalità tal-obbligu ta' PrivatBank li ma jistabbilixxix relazzjonijiet kummerċjali jew li jtemmhom immedjatament, jekk jiġi kkonstatat li s-sieħeb fir-relazzjoni kummerċjali huwa persuna mingħajr rabta mal-Latvja. Dawn ir-restrizzjonijiet huma applikabbli biss minn dħul mill-bejgħ mensili speċifiku: għal persuni fiżiċi minn dħul mill-bejgħ ta' EUR 15 000, għal persuni ġuridiċi minn EUR 50 000[6].

33. Bi tweġiba għal talba għal informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju kkonfermat li d-deċiżjoni kontenzjuża ma hijiex marbuta man-nazzjonalità tal-klijenti kkonċernati, iżda mar-rabta tagħhom mal-Latvja.

34. Iktar 'il quddiem, l-ewwel, ser nikkummenta dwar il-kwistjoni tal-libertajiet fundamentali applikabbli (A), u mbagħad dwar ir-restrizzjoni tagħhom(B). Fl-aħħar ser neżamina jekk l-għan ta' prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu jistax jiġġustifika tali restrizzjoni (C).

### *A. L-ewwel domanda: Libertajiet fundamentali applikabbli*

35. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, qabelxejn, jekk is-self u l-krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji, u b'mod partikolari l-banek, għandhomx jitqiesu bħala "movimenti ta' kapital", fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

36. Fl-assenza, fit-trattati, ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "moviment tal-kapital", il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li n-nomenklatura tal-moviment tal-kapital fl-Anness I tad-Direttiva 88/361 għandha valur indikattiv[7]. Skont l-introduzzjoni ta' dan l-anness, il-movimenti tal-kapital imsemmija f'din in-nomenklatura jinkludu b'mod partikolari t-tranżazzjonijiet neċessarji kollha għall-eżekuzzjoni tal-movimenti tal-kapital kif ukoll ħlasijiet lura ta' kreditu u self, u l-lista inkluża fih ma hijiex ta' natura eżawrjenti. It-Taqsima VI tal-Anness I ssemmi l-"[o]perazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti ma' stituzzjonijiet finanzjarji", u t-Taqsima VIII "Self finanzjarju u Krediti". Barra minn hekk, l-imsemmi anness jipprovdi, fit-taqsima tiegħu intitolata "Definizzjonijiet", li l-banek huma kkunsidrati b'mod partikolari bħala "istituzzjonijiet finanzjarji". Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiża li l-attività ta' għoti ta' krediti taħt titolu professjonali taqa', bħala prinċipju, taħt il-moviment liberu tal-kapital[8].

37. Fid-dawl ta' dak li ġie rrilevat iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li s-self u l-krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet f'kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji, bħal banek, għandhom jitqiesu bħala "moviment tal-kapital", fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

6 Nru 4.4.1.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

7 Ara s-sentenzi tal-15 ta' Frar 2017, X (C-317/15, EU:C:2017:119, punt 27), u tas-16 ta' Settembru 2020, Romenergo u Aris Capital (C-339/19, EU:C:2020:709, punt 32).

8 Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punt 43), tat-22 ta' Novembru 2018, Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank (C-625/17, EU:C:2018:939, punt 23), u tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123, punt 53).

38. Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-attività ta' għoti ta' krediti tikkostitwixxi wkoll servizz fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE. Hija tippreżenta, bħala prinċipju, rabta kemm mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, fis-sens tal-Artikoli 56 *et seq* TFUE, kif ukoll mal-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikoli 63 *et seq* TFUE [9].

39. Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni dwar jekk għandhomx jiġu eżaminati ż-żewġ libertajiet fundamentali jew jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, waħda tipprevalix fuq l-oħra.

40. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Artikolu 57(1) TFUE, li jipprovdi li "[s]ervizzi fis-sens tat-Trattati għandhom jitqiesu li jinkludu servizzi normalment mogħtija bi ħlas, sa fejn ma jkunux regolati minn dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-kapital u tal-persuni", ma jistax jiġi dedott li, b'mod ġenerali, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija ta' natura sussidjarja meta mqabbla mal-moviment liberu tal-merkanzija [10].

41. Għall-kuntrarju, meta miżura għandha relazzjoni kemm mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll mal-moviment liberu tal-kapital, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-miżura inkwistjoni fid-dawl, bħala prinċipju, ta' waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet jekk fiċ-ċirkustanzi tal-każ jirriżulta li waħda minn dawn iż-żewġ libertajiet hija kompletament sekondarja għall-oħra u tista' tkun marbuta magħha [11]. Madankollu, jekk ma jkunx perċettibbli li waħda miż-żewġ libertajiet fundamentali hija kompletament sekondarja għall-oħra, iż-żewġ libertajiet fundamentali jkollhom jiġu evalwati [12].

42. F'ċerti ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-attività ta' għoti ta' krediti kienet tirrigwarda qabelxejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. F'dan ir-rigward, it-tnaqqis tal-flussi finanzjarji transkonfinali marbuta ma' dawn is-servizzi jikkostitwixxi biss konsegwenza inevitabbli tar-restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Huwa għalhekk li hija biss il-libertà li jiġu pprovduti servizzi li ġiet eżaminata [13].

43. Madankollu, dan ma huwiex il-każ fil-kawża inkwistjoni.

44. F'din il-kawża, il-projbizzjoni ta' ċerti relazzjonijiet kummerċjali [14] tikkonċerna pjuttost, bl-istess mod, kemm l-użu tas-servizzi finanzjarji tal-Bank kif ukoll il-flussi ta' kapital bħala tali. Dan peress li l-ewwel, din id-deċiżjoni hija marbuta direttament mal-moviment tal-kapital permezz tal-kriterju tal-ammont tad-dħul mill-bejgħ, irrispettivament mill-użu ta' ċerti servizzi ta' konsulenza. It-tieni, l-għan tar-restrizzjonijiet imposti huwa li jipprevjenu flussi transkonfinali ta' fondi, li l-għan tagħhom huwa li jaħbu operazzjonijiet ta' ħasil tal-flus. It-tielet, billi tirreferi għall-ammont ta' dħul mill-bejgħ id-deċiżjoni tipprojbixxi mhux biss it-tranżazzjonijiet ta'

9 Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punti 39 u 43), tat-22 ta' Novembru 2018, Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank (C-625/17, EU:C:2018:939, punt 23), u tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123, punt 53). Ara wkoll is-sentenzi tal-14 ta' Novembru 1995, Svensson u Gustavsson (C-484/93, EU:C:1995:379, punt 11), u tad-9 ta' Lulju 1997, Parodi (C-222/95, EU:C:1997:345, punt 17).

10 Ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punti 31 u 32).

11 Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punt 34), tat-12 ta' Lulju 2012, SC Volksbank România (C-602/10, EU:C:2012:443, punt 70), tat-22 ta' Novembru 2018, Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank (C-625/17, EU:C:2018:939, punt 24), u tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123, punt 54).

12 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Novembru 1995, Svensson u Gustavsson (C-484/93, EU:C:1995:379, punti 8 sa 19), tas-7 ta' Frar 2002, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-279/00, EU:C:2002:89, punti 36 *et seq.*), tal-4 ta' Marzu 2004, Il-Kummissjoni vs Franza (C-334/02, EU:C:2004:129, punti 25 u 34), u tal-11 ta' Ġunju 2009, X u Passenheim-van Schoot (C-155/08 u C-157/08, EU:C:2009:368, punt 40).

13 Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, EU:C:2006:631, punt 48), tat-12 ta' Lulju 2012, SC Volksbank România (C-602/10, EU:C:2012:443, punt 71), tat-22 ta' Novembru 2018, Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank (C-625/17, EU:C:2018:939, punt 25), u tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević (C-630/17, EU:C:2019:123, punt 55).

14 Nru 4.4.1.2 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

kreditu, iżda wkoll ir-relazzjonijiet kummerċjali l-oħra kollha ta' PrivatBank b'movimenti ta' kapital fil-kontijiet tal-klijenti kkonċernati, li għalihom ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat b'mod globali jekk dawn jaqgħux taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew taħt il-moviment liberu tal-kapital jew tat-tnejn. Finalment, id-Direttiva 2015/849 tieħu bħala bażi wkoll l-applikabbiltà taż-żewġ libertajiet fundamentali fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus [15].

45. Għal dawn ir-raġunijiet, jiena naqbel mal-fehma tal-Kummissjoni u tal-Gvern Taljan li r-restrizzjoni kontenzjuża għar-relazzjonijiet kummerċjali ta' PrivatBank taqa' kemm taħt id-dispożizzjonijiet dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll taħt dawk dwar il-moviment liberu tal-kapital. Għalhekk ser nirrispondi iktar 'il quddiem għad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju fir-rigward taż-żewġ libertajiet fundamentali.

46. Għaldaqstant, tista' titħalla wkoll miftuħa l-kwistjoni dwar jekk u, jekk ikun il-każ, sa fejn huwa iktar faċli li jiġu imposti restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital meta japplika biss il-moviment liberu tal-kapital, bħalma donnu jirriżulta b'mod partikolari mill-formulazzjoni tal-Artikolu 65 TFUE [16].

### *B. It-tieni domanda: Restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u għall-moviment liberu tal-kapital*

47. L-obbligu ta' bank li jtemm jew li ma jistabbilixxix relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti mingħajr rabta mal-Istat Membru li fih dan il-bank għandu s-sede tiegħu ma jiddependix min-nazzjonalità tal-klijenti kkonċernati. Għaldaqstant, ma teżisti l-ebda diskriminazzjoni diretta bbażata fuq in-nazzjonalità, iżda biss diskriminazzjoni indiretta, li hija wkoll ipprojbita [17] taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 56 u l-Artikolu 63(1) TFUE.

48. Għalhekk, bħalma osserva l-Gvern Latvjan, ir-rabta mal-Latvja hija kkonċepita bħala rabta ta' natura ekonomika jew personali. Tali rabta tista' tiġi stabbilita mir-residenza, il-proprjetà fil-pajjiż jew b'xi fattur ieħor. Anki ċ-ċittadini Latvjani jistgħu wkoll ma jkollhomx rabta mal-Latvja, pereżempju, jekk huma jgħixu barra mill-pajjiż u ma għandhom l-ebda rabta mal-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

49. Madankollu, għandu jiġi preżunt li ċ-ċittadini Latvjani għandhom ir-rabta meħtieġa mal-Latvja ħafna iktar spiss minn persuni li ma għandhomx din in-nazzjonalità. Għaldaqstant, il-fatt li wieħed jibbaża ruħu fuq ir-rabta mal-Latvja jwassal sabiex fil-parti l-kbira jiġu affettwati klijenti li ma humiex ċittadini Latvjani.

50. Lanqas dan l-effett indirettament diskriminatorju ma jista' jiġi invokat kontra l-pożizzjoni tal-FKTK li persuni li għandhom rabtiet mal-Latvja u dawk li ma għandhomx tali rabtiet ma jinsabux f'sitwazzjoni paragunabbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għadhiex, parzjalment, teżamina l-kriterju tas-sitwazzjoni oġġettivament paragunabbli bħala kundizzjoni supplimentari

15 Ara l-premessa 2 tad-Direttiva 2015/849.

16 Ara f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi Q (C-133/13, EU:C:2014:2255, punt 48) u Allianzgi-Fonds Aevn (C-545/19, EU:C:2021:372, punti 64 sa 71 u 107) kif ukoll Kokott, J., *EU Tax Law*, Beck, München, 2022, p. 150 *et seq.*, punt 85, p. 152 *et seq.*, punt 88. Fir-rigward tal-kawżi b'riferiment purament għal pajjiż terz, ara s-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punti 170 u 171), u tat-18 ta' Diċembru 2007, A (C-101/05, EU:C:2007:804, punti 37 u 60).

17 Ara s-sentenza tal-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva) (C-78/18, EU:C:2020:476, punti 52 u 53).

għall-eżistenza ta' diskriminazzjoni[18]. Barra minn hekk, jiena diġà esprimejt diversi drabi t-tħassib tiegħi fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju, peress li dan iwassal biss, fl-aħħar mill-aħħar, għat-tressiq 'il quddiem tal-eżami ta' ġustifikazzjoni[19]

51. Għalhekk, huwa ċertament evidenti li persuni li għandhom rabtiet mal-Latvja u persuni li ma għandhomx tali rabtiet ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni. Madankollu, dan ma jistax ikun il-fattur deċiżiv sabiex tiġi eżaminata l-eżistenza ta' restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u għall-moviment liberu tal-kapital. Dan peress li, jekk l-assenza ta' rabta mal-Istat Membru kkonċernat bħala differenza oġġettiva tas-sitwazzjonijiet tkun biżżejjed, fiha nfisha, sabiex jiġi konkluż li ma hemmx diskriminazzjoni, dawn il-libertajiet fundamentali titneħħielhom is-sustanza tagħhom *de facto*. B'mod partikolari, huma għandhom preċiżament l-għan li jippermettu servizzi transkonfinali u li jiġu stabbiliti movimenti ta' kapital lejn Stati Membri oħra u pajjiżi terzi. Għaldaqstant, sakemm ma jkunux iġġustifikati, huma jipprojbixxu restrizzjonijiet ibbażati fuq assenza ta' relazzjonijiet ma' Stat Membru partikolari.

52. Il-kwistjoni hija pjuttost dwar jekk din ir-restrizzjoni tistax tiġi ġġustifikata mid-differenzi bejn il-klijenti nazzjonali u l-klijenti barranin. B'mod partikolari, l-issodisfar tal-obbligi ta' diliġenza tal-bank huwa iktar diffiċli għall-klijenti barranin milli għall-klijenti nazzjonali; il-FKTK enfasizzat dan matul is-seduta. Madankollu, dan jikkonċerna l-ġustifikazzjoni tal-miżura u mhux il-kwistjoni dwar jekk din tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u għall-moviment liberu tal-kapital.

53. Lanqas ma huwa konvinċenti l-argument tal-Gvern Latvjan kontra l-eżistenza ta' restrizzjoni li l-klijenti kkonċernati jistgħu jirrikorru għas-servizzi ta' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu oħra awtorizzata fil-Latvja. Ir-raġuni għal dan hija li, huwa inerenti fl-essenza stess tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-moviment liberu tal-kapital li l-benefiċjarji nnifishom jistgħu jagħżlu ma' liema bank jistabbilixxu relazzjonijiet sabiex jibbenefikaw, pereżempju, minn ċerti kundizzjonijiet jew prodotti.

54. Bl-istess mod, ma jistax jiġi argumentat kontra l-effett restrittiv tal-miżura li huma biss ftit klijenti li huma kkonċernati, jiġifieri l-klijenti ta' PrivatBank, mingħajr rabta mal-Latvja, li jaqbżu l-ammont stabbilit tad-dħul mill-bejgħ, jew li l-miżura tapplika biss għal perijodu limitat. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li restrizzjoni anki minima għal libertà fundamentali hija pprojbita[20]. Barra minn hekk, il-miżura potenzjalment tapplika għall-persuni kollha mingħajr rabta mal-Latvja li jridu jwettqu tranżazzjonijiet ma' PrivatBank ogħla mill-ammont tad-dħul mill-bejgħ stabbilit. Dan jista' jkun ukoll numru kbir ta' klijenti.

55. Għaldaqstant, tali obbligu li jitneħħew relazzjonijiet kummerċjali jirrestrinġi kemm il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll il-moviment liberu tal-kapital.

[18] Sentenzi tal-15 ta' Mejju 2008, Lidl Belgium (C-414/06, EU:C:2008:278, punti 18 sa 26), tat-23 ta' Ottubru 2008, Krankenheim Ruhesitz am Wannsee-Seniorenheimstatt (C-157/07, EU:C:2008:588, punti 27 sa 39), u tal-4 ta' Lulju 2013, Argenta Spaarbank (C-350/11, EU:C:2013:447, punti 18 sa 34).

[19] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Vodafone Magyarország (C-75/18, EU:C:2019:492, punt 105).

[20] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punt 65).

## *C. It-tielet u r-raba' domanda: Il-ġustifikazzjoni tar-restrizzjoni, b'mod partikolari l-proporzjonalità*

56. Permezz tat-tielet u r-raba' domanda tagħha, li jistgħu jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-restrizzjoni intiża għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu [21] tistax tiġi ġġustifikata bħala eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE.

57. Skont ġurisprudenza stabbilita, restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali hija ammissibbli biss jekk, l-ewwel, tkun iġġustifikata minn waħda mill-ġustifikazzjonijiet bil-miktub jew minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u, it-tieni, hija tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità. B'mod partikolari, din trid tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex b'mod koerenti u sistematiku u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq [22].

### *1. Fuq l-għan ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu*

58. Skont is-sottomissjonijiet tal-FKTK u tal-Gvern Latvjan, l-għan tal-limitazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali ta' PrivatBank huwa b'mod partikolari li jiġi evitat li l-Bank jikser il-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u li jiġi evitat ksur futur. Din il-leġiżlazzjoni hija intiża sabiex tipprevjeni l-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, skont l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2015/849.

59. Il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tikkostitwixxi għan leġittimu li jista' jiġġustifika restrizzjoni għal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat [23]. Peress li d-Direttiva 2015/849 tipprevedi armonizzazzjoni minima [24], l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali iktar estiżi għal dan l-għan [25].

60. Minbarra l-għan tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu, ir-restrizzjoni kontenzjuża inkwistjoni hija intiża sabiex tenforza regoli ta' sorveljanza finanzjarja fil-qasam tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus. Għaldaqstant, hija ssegwi wkoll l-għan, stabbilit fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE [26], ta' miżura intiża sabiex tipprevjeni l-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti nazzjonali fil-qasam tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

### *2. Fuq in-natura xierqa tal-miżura*

61. Miżura nazzjonali hija adegwata sabiex tilħaq l-għan tagħha biss jekk tirrifletti t-tħassib li jintlaħaq dan l-għan b'mod koerenti u sistematiku [27]

[21] Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2015/849.

[22] Ara s-sentenzi tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar (C-212/11, EU:C:2013:270, punt 60), tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO (C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punti 76 *et seq.*), u tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva) (C-78/18, EU:C:2020:476, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Sentenzi tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar (C-212/11, EU:C:2013:270, punt 64), u tal-31 ta' Mejju 2018, Zheng (C-190/17, EU:C:2018:357, punt 38).

[24] Ara, b'mod partikolari, l-Artikoli 5 u 59(4) tad-Direttiva 2015/849.

[25] Ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza assoċjattiva) (C-78/18, EU:C:2020:476, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[26] Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2012, VBV - Vorsorgekasse (C-39/11, EU:C:2012:327, punt 30).

[27] Ara s-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2016, Safe Interenvios (C-235/14, EU:C:2016:154, punt 104), u tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62. Kif irrileva l-Gvern Latvjan waqt is-seduta, wieħed mill-prinċipji ewlenin tad-Direttiva 2015/849 huwa li l-banek għandhom ikunu jafu l-klijenti tagħhom (prinċipju msejjaħ "Know your customer"). Din hija r-raġuni għalfejn l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva jipprevedi obbligi ta' diliġenza ġenerali għal banek, filwaqt li huma l-Istati Membri tagħhom li jiżguraw l-osservanza tagħhom skont l-Artikolu 7 tagħha.

63. Ċertament, id-Direttiva 2015/849 titlaq mill-prinċipju li l-klijenti li ġejjin minn Stati Membri oħra ma jippreżentawx riskju ikbar[28]. Madankollu, jista' jkun diffiċli għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jiksbu informazzjoni dwar klijenti li ma jeżerċitaw ebda attività ekonomika fil-pajjiż fejn jiftħu kont bankarju, ma għandhom la residenza u lanqas proprjetà u ma għandhom ebda relazzjoni sinjifikattiva oħra ma' dan il-pajjiż. Peress li huwa iktar diffiċli għall-banek sabiex jiksbu informazzjoni dwar l-oriġini tar-riżorsi finanzjarji u dwar it-tranżazzjonijiet tal-klijenti barra mill-pajjiż, ir-riskji huma potenzjalment ikbar. Per eżempju, id-distanza sinjifikattiva tal-klijent mill-bank tista' tiffavorixxi l-anonimat tat-tranżazzjonijiet, li min-naħa tagħha tista' twassal għal riskju ogħla ta' ħasil tal-flus[29].

64. Fid-dawl tan-nuqqasijiet tas-sistema ta' ġestjoni tar-riskji ta' PrivatBank preċedentement ikkonstatati u tar-riskju identifikat mill-FKTK fir-rigward tal-issodisfar tal-obbligi ta' diliġenza tal-Bank fir-rigward tal-klijenti stabbiliti barra mill-pajjiż[30], l-obbligu kontenzjuż għalhekk jidhirli li jikkostitwixxi miżura xierqa sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

65. Barra minn hekk, waqt is-seduta, il-FKTK indikat li l-preżenza ta' ammonti sinjifikattivi ta' dħul mill-bejgħ minn persuni li ma għandhom ebda rabta mal-Latvja tikkostitwixxi, fiha nfisha, fattur ta' riskju. Billi rabtet il-miżura kontenzjuża mal-ammont ta' dħul mill-bejgħ mensili, il-FKTK setgħet ukoll tieħu inkunsiderazzjoni ta' dan ir-riskju.

66. Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, il-fatt li, permezz tal-kriterju tal-ammont tad-dħul mill-bejgħ, il-FKTK teskludi mill-miżura lill-klijenti tal-bank mingħajr rabta mal-Latvja b'ammont ta' dħul mill-bejgħ mensili iktar baxx, li minnu jista' jirriżulta wkoll riskju ta' ħasil tal-flus, ma jfissirx li din il-miżura ma ssegwix l-għan imfittex b'mod koerenti u sistematiku.

67. Minn naħa, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni fl-għażla tal-fatturi ta' riskju li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, kif juru l-Annessi II u III tad-Direttiva 2015/849. Għalhekk, il-listi ta' fatturi u ta' indizji eventwali ta' riskju potenzjalment iktar baxx jew ogħla, inklużi fihom, huma espliċitament mhux eżawrjenti. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jadottaw, fil-limiti tad-dritt tal-Unjoni, dispożizzjonijiet iktar stretti għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

68. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2015/849 tispeċifika, fil-premessa 22 tagħha, li r-riskju tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu ma huwiex l-istess f'kull każ. Għaldaqstant, din id-direttiva tipprevedi obbligi ta' diliġenza ssemplifikati meta r-riskju jkun baxx[31] jew meta t-tranżazzjonijiet jitwettqu biss fuq bażi okkażjonali jew ferm limitata[32]. Barra minn hekk, hemm il-valur ta' EUR 15 000 bħala valur minimu għall-applikazzjoni tal-obbligi ta' diliġenza

28 Anness II, punt 1(ċ) u punt 3(a) tad-Direttiva 2015/849.

29 Ara l-Artikolu 13(6) tad-Direttiva preċedenti 2005/60, in-nota ta' qiegħ il-paġna 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 Ara l-punt 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

31 Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva 2015/849.

32 Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2015/849.

fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet okkażjonali[33]. L-għażla tal-ammont ta' dħul mill-bejgħ mensili ta' iktar minn EUR 15 000 għall-individwi jew ta' EUR 50 000 għall-persuni ġuridiċi ma hijiex, għaldaqstant, irraġonevoli u, barra minn hekk, inqas oneruża milli kieku t-tranżazzjonijiet kollha kienu koperti.

69. Minn dak li ġie rrilevat iktar 'il fuq jirriżulta li restrizzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali bħal dik inkwistjoni tista' tkun adegwata sabiex jintlaħaq b'mod koerenti u sistematiku l-għan ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Għal dan l-għan, għandu jiġi stabbilit li l-bank ma jistax jissodisfa l-obbligi ta' diliġenza tiegħu minħabba d-distanza tal-klijenti u li d-determinazzjoni tal-grupp ta' klijenti koperti mill-miżura tikkorrispondi għar-riskju ta' ħasil tal-flus identifikat.

*3. Fuq in-natura neċessarja tal-miżura*

70. Huwa meħtieġ ukoll li l-Istat Membru juri li l-għan invokat ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi[34].

71. Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar in-neċessità ta'projbizzjoni ġenerali tar-relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti mingħajr rabta mal-Latvja u l-obbligu li jitwaqqfu tali relazzjonijiet kummerċjali. Skont hi, din il-miżura ma kienet ippreċeduta minn ebda evalwazzjoni individwali tar-riskji fir-rigward tal-klijent speċifiku; miżuri inqas restrittivi jistgħu jiġu kkunsidrati, bħall-obbligi ta' diliġenza msaħħa msemmija fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2015/849.

72. Kif spjegat mill-bidu, il-punt tat-tluq tas-sistema ta' miżuri preventivi prevista mid-Direttiva 2015/849 huwa evalwazzjoni tar-riskji skont approċċ globali bbażat fuq ir-riskju. Kif irrileva reċentement l-Avukat Ġenerali Pitruzzella, din l-evalwazzjoni tar-riskju tikkostitwixxi l-kundizzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri xierqa ta' prevenzjoni – jiġifieri l-miżuri ta' diliġenza fir-rigward tal-klijenti – intiżi sabiex jevitaw jew, tal-inqas, sabiex jostakolaw kemm jista' jkun, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' evalwazzjoni tar-riskju, ma huwiex possibbli għall-Istat Membru kkonċernat, u lanqas, eventwalment, għal entità marbuta b'obbligu, li tiddeċiedi każ b'każ liema miżuri japplikaw[35].

73. F'dan il-kuntest, id-Direttiva 2015/849 tiddistingwi tliet tipi ta' obbligi ta' diliġenza li l-entitajiet marbuta b'obbligu[36] jistgħu jkunu obbligati japplikaw fir-rigward tal-klijenti tagħhom skont il-livell ta' riskju identifikat: il-miżuri normali, il-miżuri ssemplifikati u l-miżuri msaħħa[37].

74. Madankollu, dawn l-obbligi ta' diliġenza kollha għandhom punt komuni peress li jeżiġu evalwazzjoni tar-riskji fir-rigward ta' kull klijent u, għaldaqstant, miżuri individwali. Din l-evalwazzjoni tar-riskji tirrigwarda għalhekk sitwazzjonijiet konkreti u ma ssirx b'mod astratt[38].

33 Ara l-Artikolu 11(b)(i) tad-Direttiva 2015/849.

34 Sentenza tal-14 ta' Marzu 2000, Église de scientologie (C-54/99, EU:C:2000:124, punt 18).

35 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Rodl & Partner (C-562/20, EU:C:2022:381, punt 36).

36 L-obbligi ta' diliġenza normali huma rregolati mill-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 2015/849, dawk issemplifikati mill-Artikoli 15 sa 17, u dawk imsaħħa mill-Artikoli 18 *et seq.*

37 Ara, dwar l-ispjegazzjonijiet ta' dawn it-tipi differenti ta' obbligi ta' diliġenza, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Rodl & Partner (C-562/20, EU:C:2022:381, punt 38 *et seq.*).

38 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Rodl & Partner (C-562/20, EU:C:2022:381, punti 60 u 71).

75. Il-miżura kontenzjuża inkwistjoni hija simili għall-ordni ta' twaqqif ta' relazzjonijiet kummerċjali inkluża fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2015/849. Madankollu, din id-direttiva tippreżupponi li l-bank ma jistax jissodisfa wieħed mill-obbligi ta' diliġenza msemmija fis-subparagrafu 1(a) sa (c) tal-Artikolu 13(1) f'każ speċifiku. L-issodisfar ta' obbligi ta' diliġenza għandu għalhekk ikun impossibbli fir-rigward ta' klijent partikolari. Dan huwa kkonfermat mill-istruttura, peress li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(4), li jirrigwarda r-rapportar ta' tranżazzjoni suspettuża espliċitament jinkludi l-formulazzjoni "fir-rigward tal-klijent". Skont il-motivazzjoni għall-inklużjoni ta' din id-dispożizzjoni fit-tielet Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus, id-Direttiva 2005/60,[39], il-proposta kienet intiża sabiex tiggarantixxi li tintemm ir-relazzjoni kummerċjali ma' klijent jekk il-proċedura ta' identifikazzjoni tal-klijenti ma tistax tiġi konkluża b'mod sodisfaċenti[40].

76. Bħall-Kummissjoni, inqis għalhekk li l-miżura kontenzjuża ma tistax tieħu bħala bażi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2015/849. Dan peress li tali miżura ma tirreferix għal klijent partikolari, iżda timponi b'mod globali l-obbligi kontenzjużi għal grupp ta' klijenti ddefinit skont kriterji ġenerali.

77. B'mod ġenerali, din il-miżura ma tagħmilx parti mis-sistema ta' obbligi ta' diliġenza tal-klijenti prevista mid-Direttiva 2015/849. Dan għaliex l-obbligi ta' diliġenza msaħħa previsti minnha jsaħħu l-portata u l-mod ta' monitoraġġ ta' relazzjoni kummerċjali partikolari. Inkwistjoni hemm, per eżempju, id-determinazzjoni tal-oriġini tal-assi użati fil-kuntest tar-relazzjoni kummerċjali jew tat-tranżazzjoni. L-applikazzjoni ta' dawn l-obbligi ta' diliġenza tippreżupponi fi kwalunkwe każ il-konstatazzjoni ta' riskju ogħla fil-każ individwali[41].

78. Ċertament, id-Direttiva (UE) 2015/849 tippermetti wkoll it-teħid inkunsiderazzjoni ta' fatturi ġeografiċi. Pereżempju, il-punt 3(b) tal-Anness III tad-Direttiva jsemmi "pajjiżi identifikati minn sorsi kredibbli bħala pajjiżi b'livelli sinifikanti ta' korruzzjoni jew attività kriminali oħra" bħala fattur ta' riskju ogħla[42]. Ir-restrizzjoni kontenzjuża hija intiża, tal-inqas, għall-klijenti potenzjali li ġejjin minn tali pajjiżi.

79. Madankollu, din neċessarjament tinkludi wkoll territorji ta' Stati Membri oħra li jinsabu, skont il-kunċett tad-direttiva (UE) 2015/849, f'żona ġeografika li tippreżenta riskju iktar baxx (il-punt (1)(c) u l-punt (3)(a) tal-Anness II tad-Direttiva).

80. Il-kwistjoni ewlenija tibqa', għaldaqstant, jekk miżura, li, permezz tal-kriterju wiesa' tal-"assenza ta' rabta" mal-Latvja, tista' tikkonċerna wkoll klijenti li, skont id-Direttiva 2015/849, ma jippreżentawx *a priori* riskju għoli għall-ħasil tal-flus jew għall-finanzjament tat-terroriżmu, għandhiex xorta waħda titqies bħala neċessarja.

81. Skont is-sottomissjonijiet tal-Gvern Latvjan fil-kawża inkwistjoni, fil-passat diġà ġew adottati miżuri inqas restrittivi, iżda ma kinux effikaċi biżżejjed sabiex jipprevjenu r-riskji kkonstatati. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika dan.

39 Nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 Ara l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni tal-Użu tas-Sistema Finanzjarja għall-Iskop tal-Ħasil tal-Flus, inkluż il-Finanzjament tat-Terroriżmu, COM (2004) 448 final, p. 5.

41 Ara, pereżempju, il-premessi 22, 29 u 31 tad-Direttiva 2015/849 kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Rodl & Partner (C-562/20, EU:C:2022:381, punt 41).

42 Il-verżjoni Ġermaniża tad-direttiva (UE) 2015/849 ssemmi pajjiżi terzi, filwaqt li verżjonijiet lingwistiċi oħrajn isemmu biss pajjiżi (ara, per eżempju, "valstis" fil-verżjoni Latvjana, "pays" bil-Franċiż jew "countries" bl-Ingliż). Madankollu, din id-differenza ma għandhiex effett peress li, skont l-Anness II ta' din id-direttiva, l-Istati Membri qegħdin f'żona ġeografika b'riskju iktar baxx. Ara l-punt 79 ta' dawn il-konklużjonijiet.

82. Skont l-istruttura tad-Direttiva 2015/849, l-istadju li jmiss f'każ ta' nuqqas serju, irripetut jew sistematiku ta' konformità mal-obbligi ta' diliġenza tal-konsumatur ikun l-ordni ta' sanzjonijiet amministrattivi skont l-Artikolu 59(1) tagħha.

83. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa'. Huma jistgħu jistabbilixxu livell ta' protezzjoni ogħla minn dak magħżul mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jawtorizzaw jew jimponu obbligi ta' diliġenza tal-klijenti minbarra dawk previsti minn din id-direttiva jew, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxut lilhom, jiddeterminaw sitwazzjonijiet oħra li jippreżentaw riskju għoli[43]. Mill-Artikolu 59(4) tal-imsemmija direttiva jirriżulta wkoll li tipi oħra ta' sanzjonijiet amministrattivi minbarra dawk imsemmija f'dan l-artikolu huma ammissibbli.

84. L-Artikolu 59(2)(c), tad-Direttiva (UE) 2015/849, jipprovdi wkoll li l-irtirar jew is-sospensjoni tal-approvazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati fil-każ li entitajiet marbuta b'obbligu jiġu suġġetti għal awtorizzazzjoni.

85. B'kuntrast ma' dan, il-projbizzjoni jew l-obbligu li jitwaqqfu relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti mingħajr rabta mal-Latvja jidhru wkoll bħala l-mezz l-inqas oneruż.

86. Barra minn hekk, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Gvern Latvjan ikkonfermaw, waqt is-seduta, li l-istituzzjonijiet finanzjarji fil-Latvja ta' spiss huma partikolarment ikkonfrontati bir-riskju tal-ħasil tal-flus. Il-Gvern Latvjan indika li, minħabba dawn l-elementi, ir-Repubblika tal-Latvja użat il-possibbiltà li tieħu miżuri ġodda.

87. Għaldaqstant, skont l-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, is-sitwazzjoni hija kkaratterizzata mill-fatt li ġew identifikati fatturi ta' riskju partikolari u li teżisti t-theddida li l-liċenzja tal-bank ikkonċernat tiġi rtirata. Ma jidhirx li jeżisti mezz inqas oneruż li huwa daqstant effikaċi, fatt li għandu jiġi eżaminat mill-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, jidhirli li l-projbizzjoni temporanja ta' tali relazzjonijiet kummerċjali mal-klijenti mingħajr rabta mal-Istat Membru li jwettaq sorveljanza finanzjarja hija neċessarja[44].

*4. Fuq il-proporzjonalità fis-sens strett*

88. Finalment, minbarra n-natura xierqa u neċessarja, għad trid tiġi eżaminata wkoll il-proporzjonalità fis-sens strett[45]. Skont dan il-prinċipju, għandu jiġi żgurat li l-projbizzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti mingħajr rabta mal-Latvja ma twassalx għal preġudizzju eċċessiv għall-interessi leġittimi ta' PrivatBank u tal-klijenti (potenzjali) tiegħu. Għal dan l-għan, l-interessi tal-bank u tal-klijenti kkonċernati għandhom jiġu bbilanċjati bir-reqqa mal-għan ta' prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

89. L-awtorità ta' sorveljanza Latvjana ordnat li jitwaqqfu jew li ma jiġux stabbiliti relazzjonijiet kummerċjali ta' PrivatBank mal-klijenti kkonċernati għal perijodu limitat biss. Il-projbizzjoni li jiġu stabbiliti relazzjonijiet kummerċjali tapplika biss mill-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Barra minn hekk, huma biss ir-relazzjonijiet kummerċjali konklużi wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, u għalhekk bi ksur tagħha, li kellhom jitwaqqfu. Barra minn hekk, dawn iż-żewġ obbligi kienu japplikaw biss sal-implimentazzjoni ta' miżuri oħra adottati fl-istess ħin u intiżi

43 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Rodl & Partner (C-562/20, EU:C:2022:381, punt 50).

44 Ara dwar it-tqassim tal-kompiti bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tar-rinviju tal-Istati Membri f'dan ir-rigward is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2018, IR (C-68/17, EU:C:2018:696, punt 56), u tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punt 72).

45 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża G4S Secure Solutions (C-157/15, EU:C:2016:382, punt 112)

sabiex jirrimedjaw għan-nuqqasijiet tal-ġestjoni tar-riskji tal-Bank[46]. Din ir-restrizzjoni *ratione temporis* kienet ta' natura dixxiplinari għall-Bank, peress li setgħet tinfluwenza hija stess it-tmiem tar-restrizzjonijiet. Skont l-informazzjoni li pprovdiet il-FKTK, huma ma baqgħux fis-seħħ minn dak iż-żmien.

90. Barra minn hekk, l-intensità tal-miżura għad-detriment ta' PrivatBank ma hijiex sproporzjonata meta mqabbla mal-għan imfittex tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu. Minn naħa, il-Bank seta' saħansitra jżomm relazzjonijiet kummerċjali eżistenti ma' klijenti mingħajr rabta mal-Latvja b'ammont ta' dħul mill-bejgħ mensili għoli, peress li l-projbizzjoni kienet tapplika biss għal relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Min-naħa l-oħra, il-bank seta' jistabbilixxi relazzjonijiet kummerċjali ġodda ma' klijenti mingħajr rabta mal-Latvja b'ammont ta' dħul mill-bejgħ inferjuri għal dak iffissat f'din id-deċiżjoni. Meta mqabbla ta' dawn ir-restrizzjonijiet, l-irtirar tal-liċenzja tal-bank huwa miżura ħafna iktar intensiva, li l-miżura kontenzjuża tippermetti preċiżament li tiġi evitata[47].

91. Barra minn hekk, PrivatBank innifsu kkontribwixxa, bi ħtija, għas-sitwazzjoni ta' riskju li għaliha kellha tirreaġixxi s-sorveljanza finanzjarja Latvjana, billi, skont il-konstatazzjonijiet tal-FKTK, huwa wettaq ksur tal-leġiżlazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu għal perijodu twil[48].

92. Anki mill-perspettiva tal-klijenti, l-iżvantaġġi marbuta mal-projbizzjoni ta' ċerti relazzjonijiet kummerċjali ma jisbqux il-vantaġġi ta' ġlieda effikaċi kontra l-ħasil tal-flus. Anki jekk il-moviment liberu tal-kapital jipproteġi l-għażla libera tal-istituzzjoni ta' kreditu, dan ma jagħtix id-dritt li jiġu stabbiliti relazzjonijiet kummerċjali ma' bank partikolari irrispettivament miċ-ċirkustanzi konkreti.

*5. Konklużjoni dwar it-tielet u r-raba' domandi*

93. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li projbizzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali ma' klijenti li ma għandhomx rabta mal-Istat Membru tas-sede ta' bank ma tmurx kontra l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-kapital, sakemm din il-miżura tkun proporzjonata mal-għan tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u t-terroriżmu. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq tali evalwazzjoni billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni. Fost dawn hemm, b'mod partikolari, ir-riskju identifikat ta' ħasil tal-flus, ir-reċidività tal-ksur mill-bank tar-regoli dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-miżuri meħuda li diġà ma rnexxewx fil-passat, kif ukoll it-tul tar-restrizzjoni u l-intensità tagħha meta mqabbla ma' mezzi oħra ugwalment effikaċi.

46 Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

47 Ara l-punti 84, 85 u 87 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48 Ara l-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

## V. Konklużjoni

94. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) bil-mod li ġej:

1. Is-self u l-krediti finanzjarji kif ukoll it-tranżazzjonijiet ta' kontijiet kurrenti u depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji bħal banek jikkostitwixxu "moviment tal-kapital" fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

2. Ordni li permezz tagħha l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru timponi fuq istituzzjoni ta' kreditu partikolari l-projbizzjoni li tistabbilixxi relazzjonijiet kummerċjali u l-obbligu li jitwaqqfu r-relazzjonijiet kummerċjali stabbiliti wara l-adozzjoni ta' din l-ordni ma' persuni li ma għandhom ebda rabta ma' dan l-Istat Membru, tirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi fis-sens tal-Artikolu 56(1) kif ukoll il-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 63(1) TFUE.

3. Tali restrizzjoni tista' tiġi ġġustifikata mill-għan tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu u taqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE. Dan jippreżumi li, fl-assenza ta' rabta bejn il-klijenti kkonċernati u l-Istat Membru kkonċernat, il-bank ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi ta' diliġenza tiegħu u li d-determinazzjoni tal-grupp ta' klijenti kopert mill-miżura tikkorrispondi għar-riskju tal-ħasil tal-flus identifikat. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu jiġi osservat.

4. Fl-istħarriġ tal-proporzjonalità, għandhom jitqiesu b'mod partikolari:

   – ir-riskju ta' ħasil tal-flus identifikat,

   – ir-reċidività tal-ksur mill-bank tar-regoli dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-miżuri meħuda li diġà ma rnexxewx fil-passat,

   – l-intensità u t-tul tar-restrizzjoni.